MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 848/2007

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**David Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tlett mija, hamsa u erbghin Ewro, tnejn u tmenin centezmi (€345.82), *ossia* mija, tmienja u erbghin Liri Maltin u sitta u erbghin centezmi (Lm148.46), rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skond Client Contract Number 77109, in rigward ghas-servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Dicembru, 2007 u Mejju, 2007.

Bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju, 2007, dawk tal-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-Att u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-7 ta' Jannar, 2008, mill-PL Peter Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------